# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Mario Cassar**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta` **Mario Cassar** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 89955M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar it-18 ta' Marzu 2016 għall-ħabta ta' 18:30, fi Triq Ħal-Luqa, Paola:-

1. Bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Carl Ciantar weġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli inġurja jew hedded, b'mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Carl Ciantar u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Kif ukoll talli mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ iebsin, jew waddab, jew qabad armi kontra Carl Ciantar u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
4. Kif ukoll talli ħebb kontra Carl Ciantar sabiex jinġurjah, idejqu, jew jagħmillu l-ħsara jew jagħmel ħsara lil ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
5. Kif ukoll talli kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ li ssib ħtija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lil parte civile;

***Ikkunsidrat : -***

Illi wara li għarblet il-provi prodotti kif ukoll is-sottomissjonijiet magħmula, din il-Qorti ssib li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-

raġuni. Il-fatti rakkontati minn Carl Ciantar huma kontrastati mill-verżjoni tal-fatti rakkontati minn Maria Cassar, Dolores Cassar u anke l-imputat innifsu u l-verżjoni ta' Ciantar ma ssib ebda korroborazzjoni. Din il-Qorti temmen li għalkemm l-atmosfera fir-residenza tal-imputat u quddiem il-bieb tad-dar tiegħu kienet waħda mhux kalma, ma ssibx li hemm provi biżżejjed biex jikkonvinċuha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat wettaq ir-reati addebitati lilu. Il-verżjoni tal-parte civile Ciantar, hija mgiddba bil-qawwa kollha mill-verżjoni tal-fatti ta' Maria, Dolores u Mario Cassar. Il-Qorti fliet lil dawn ix-xiehda wkoll mill-għarbiel tal-Artiolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ, il-Qorti hija moralment konvinta li l-fatti f'dan il-każ seħħew skont dak mistqarr mill-imputat u x-xiehda tiegħu.

## ***<u>Decide</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 252(1), 338(dd), 339(1)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputat Mario Cassar mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 3 ta' Ġunju 2016.***

***Aaron M. Bugeja***